# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 29 ta' Lulju 2021**

**Kawza Numru: 2**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 943/19 JVC**

**L-Avukat Dottor Alexander Schembri, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 373282 (M), bhala mandatarju specjali tal-assenti Ammar Khalid Abdullah Al Daban, detentur tal-passaport Malti numru 1257329, u bhala mandatarju specjali tal-assenti Jwan Rashid, detentrici tal-passaport Malti numru 1257328, f'isimhom proprju u bhala kuraturi *ad litem* ta' binhom minuri Yousif Khalid Abdullah sive Yousif Al**

**Daban, detentur tal-passaport Malti numru 1358958**

**vs**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Dr Alexander Schembri bhala mandatarju tal-assenti ddikjara bil-gurament u talab kif isegwi:

**I.** 'Illi l-Avukat Dottor Alexander Schembri gie awtorizzat jipprezenta l-proceduri odjerni bhala mandatarju specjali tal-assenti Ammar Khalid Abdullah Al Daban, detentur tal-passaport Malti numru 1257329, u bhala mandatarju specjali tal-assenti Jwan Rashid, detentrici tal-passaport Malti numru 1257328, f'isimhom proprju u bhala kuraturi *ad litem* ta' binhom minuri Yousif Khalid Abdullah sive Yousif Al Daban bis-sahha ta' prokura specjali tat-22 ta' Marzu 2019 (**DOK: A**);

**II.** Illi l-minuri Yousif twieled nhar it-23 ta' Dicembru 2007, u dan fi zmien meta missier il-minuri kellu passaport mahrug mill-awtoritajiet tal-Iraq ta' dak iz-zmien taht l-isem "Ammar Khalid Abdullah" - ossija ismu "Ammar", isem missieru "Khalid", u isem missier missieru "Adbullah" - minghajr riferenza ghal kunjomu "Al Daban";

**III.** Illi, taht ir-regim tal-Iraq ta' dak iz-zmien, immexxi minn Saddam Hussein, din kienet prassi komuni, u kienet intiza

sabiex jigu evitati konflitti bejn religjonijiet u regjuni differenti, billi bosta kunjomijiet setghu jaghtu indikazzjoni tar-regjun minn fejn persuna tkun gejja, u tar-religjon li hija thaddan;

**IV.** Illi, f'dawn ic-cirkostanzi, missier il-minuri gie indikat, fuq ic-certifikat tat-twelid tal-istess minuri, bhala "Ammar Khalid Abdullah", u konsegwentement il-minuri kellu jkun maghruf bhala "Yousif Ammar Khalid Abdullah";

**V.** Illi, sussegwentement, u wara li kienet sehhet il-bidla fir-regim gewwa l-Iraq, missier il-minuri inhariglu passaport gdid li kien jixhed l-isem "Ammar Khalid Abdullah", flimkien mal-kunjom "Al Daban";

**VI.** Illi, sussegwentement, il-missier u l-familja tieghu, inkluz il-minuri Yousif, applikaw ghal cittadinanza Maltija b'naturalizzazzjoni skond il-Programm tal-Investitur Individwali tar-Repubblika ta' Malta, u inghataw tali cittadinanza;

**VII.** Illi t-twelid tal-minuri Yousif gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta nhar it-30 ta' Novembru 2016, u dan taht l-isem "Yousif Khalid Abdullah" (**DOK: B**);

**VIII.** Illi billi hut il-minuri Yousif, ossija Tamim u Salam, twieldu fl-24 ta' Novembru 2011 u fil-31 ta' Lulju 2014 rispettivament - u ghalhekk wara l-bidla fir-regim tal-Iraq - c-certifikat tat-twelid taghhom, mahrug mill-awtoritaijiet tal-Iraq, it-tnejn kienu jindikaw il-kunjom "Al Daban";

**IX.** Illi, konsegwentement, meta t-twelid taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta, dan gie registrat bil-kunjom "Al Daban", u ghalhekk il-passaport Malti taghhom inhareg bil-mod korrett, ossija Tamim Al Daban (**DOK: C**) u Salam Al Daban (**DOK: D**);

**X.** Illi, madanakollu, l-passaport Malti tal-minuri Yousif ghadu juri l-kunjom "Khalid Abdullah", minflok "Al Duban" (**DOK: E**), u dan minhabba l-fatt illi c-certifikat tat-twelid tieghu kien ghadu juri, sa meta gie registrat it-twelid tieghu fir-Registru Pubbliku ta' Malta, illi isem missieru kien "Ammar Khalid Abdullah", u mhux "Ammar Khalid Al Daban", kif sussegwentement korrett nhar il-25 ta' Jannar 2017 (**DOK: F**);

**XI.** Illi, sussegwentement, l-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Iraq iccertifikaw:

**a)** Illi l-minuri "Yousif Ammar Khalid Al Daban" huwa l-istess persuna li kienet precedentement maghrufha bhala "Yousif Ammar Khalid" (**DOK: G**);

**b)** Illi missier il-minuri "Ammar Khalid Abdullah Al Daban" huwa l-istess persuna li kienet precedentement maghrufha bhala "Ammar Khalid Abdullah" (**DOK: H**);

**XII.** Illi l-esponenti jixtiequ illi t-tlett uliedhom, inkluz Yousif, ikollhom passaport Malti bl-istess kunjom, ossija "Al Daban";

**XIII.** Illi minkejja li d-Direttur tar-Registru Pubbliku konvenut gie interpellat sabiex jikkoregi l-Att ta' Twelid numru 6762 tat-30 ta' Novembru 2016, in linea mas-suespost, l-istess Direttur konvenut sostna li kellhom jigu intavolati dawn il-proceduri (**DOK: I**);

**XIV.** Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant jghid il-konvenut ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni ulterjuri necessarja u opportuna:

**I.** Tordna, skond l-Artikolu 253 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta), l-pubblikazzjoni ta' avviz fil-Gazzetta tal-Gvern;

**II.** Tordna korrezzjoni fl-Att ta' Twelid numru 6762 tal-2016, billi fil-kolonna intestata "isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" jithassar l-isem "Yousif Khalid Abdullah" u, minflok, jigi registrat l-isem "Yousif Al Daban";

**III.** Tordna illi l-isem "Yousif Al Daban" jibqa' jigi wzat fl-atti civili l-ohra kollha, successivi u sussegwenti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni'.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li eccepixxa kif isegwi:

1. ‘Illi preliminarjament l-esponent jeccepixxi illi ghandha ssir korrezzjoni fir-rikors promotur ai termini tal-Artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan in vista tal-fatt li n-numru tal-Att tat-Twelid tal-minuri Yousif Khalid Abdulah, li ghalih issir referenza fir-rikors promotur, huwa zbaljat. In-numru li jappartjeni lill-Att in kwistjoni huwa dak ta’ 6762 tas-sena 2016 u mhux 82229 tas-sena 2016;

2. Illi bla hsara ghal premess u fil-mertu, ghandu jigi sottolinejat illi l-minuri Yousif Khaled Abdulah twieled gewwa l-Iraq nhar it-23 ta’ Dicembru 2007. Fid-dawl tal-fatt li l-minuri ottjena c-cittadinanza Maltija b’newtralizzazzjoni, huwa kellu l-fakolta’ li jirregistra l-Att tat-Twelid esteru tieghu rregistrat mal-awtoritajiet Maltin ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi l-esponenti irregistra l-Att tat-Twelid tal-attur wara talba maghmula taht l-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Flimkien mat-talba li saret, li tinsab hawn annessa u mmarkata bhala ‘Dok. DRP 1’, gew forniti ukoll id-dokumenti kollha mehtiega, *inter alia,* l-Att tat-Twelid esteru u t-traduzzjoni tal-istess, hawn annessi u mmarkati bhala ‘Dok. DRP 2’ u ‘Dok. DRP 3’. Ghaldaqstant, l-esponent wara li kien sodisfatt li r-rekwiziti tal-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta gew sodisfatti, ghadda ghar-registrazzjoni tal-istess Att billi *ad verbatim* giet imnizzla l-informazzjoni kollha misjuba fl-Att esteru. Ghaldaqstant l-esponent nizzel isem u kunjom il-minuri bhala ‘Yousif Khalid Abdullah’ u dan kif jidher fuq l-Att tat-Twelid esteru mahrug mill-awtoritajiet tal-Iraq;

4. Illi stante s-suespost u kif ukoll mid-dokumenti ezebiti mill-esponent, ma jirrizultax mill-Att tat-Twelid tal-attur, hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 4', li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 6762 tas-sena 2016, li kien effettivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni mill-esponent;

5. Illi l-esponent, ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza huwa jirrimetti ruhu, salv li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi;

6. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponent jissottometti fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponent u kwindi m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istati;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed jigi ngunt in subizzjoni.'.

Rat ix-xiehda, certifikati, kopji tal-passaporti lokali, kopji tar-registrazzjoni, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat id-dikjarazzjoni rrilaxxjata mill-Konsolat tar-Repubblika tal-Iran fejn ikkonfermat li Yousif Ammar Khalid Aldaban huwa l-istess persuna ta' Yousif Ammar Kalid, kif ukoll li Ammar Khalid Abdullah Al Daban huwa l-istess persuna ta' Ammar Khalid Abdullah a fol. 14 *et seq* tal-process;

Rat illi saret id-debita pubblikazzjoni datata 11 ta' Ottubru, 2019 li kopja taghha giet esebita a fol. 34 tal-process;

Rat l-ewwel eccezzjoni tal-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku fejn eccepixxa li ghandha ssir korrezzjoni fir-rikors promotur ai termini tal-Artikolu 175 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) stante li n-numru tal-Att ta' Twelid tal-minuri Yousif Khalid Abdulah, li ghalih saret referenza huwa zbaljat u li ghandu jkun dak ta' 6762 tas-sena 2016 u mhux kif indikat fit-talba dak ta' 82229 tas-sena 2016. Rat li fil-verbal tat-12 ta' Dicembru, 2019 Dr Alexander Schembri nomine talab korrezzjoni f'dan is-sens, liema korrezzjoni giet akkolta mill-Qorti u saret id-debita korrezzjoni fir-rikors guramentat;

Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mar-rikors guramentat, partikolarment il-parir legali tal-Avukat Mohammed S. Khalil a fol. 65 *et seq* tal-process fejn fiha kkonferma illi l-isem korrett tal-minuri Yousif Ammar Khalid huwa dak ta' Yousif Ammar Khalid Aldaban;

Rat illi fil-verbal tas-7 ta' Lulju, 2021 Dr Alexander Schembri ghar-rikorrenti b'referenza ghat-traduzzjoni a fol. 65 tal-process rrileva li l-kunjom Aldaban ghandu jinqara u jinkiteb bhala Al Daban;

Rat ukoll l-affidavit ta' missier ir-rikorrenti Ammar Al Daban a fol. 70 *et seq* tal-process li spjega t-tibdil li kien sar fir-referenza tal-ismijiet u kunjomijiet rizultat ta' tibdil fis-sistema wara l-mewt ta' Saddam Hussein u kkonferma li isem u kunjom ir-rikorrenti minuri Yousif Khalid Abdullah ghandu jkun dak ta' Yousif Ammar Khalid Al Daban;

Illi din il-Qorti wara li ezaminat id-dokumenti kollha fl-atti, tqis li t-talba tar-rikorrenti sabiex il-minuri jigi rikonoxxut bil-kunjom Al

Daban hija gustifikata, anki fl-ahjar interess tas-socjeta in generali stante li l-bqija ta' hutu huma hekk maghrufa, u ghalhekk ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza odjerna kif isegwi:

1. Tiddikjara l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat sorvolata;

2. Tichad il-bqija tal-eccezzjonijet tad-Direttur intimat sakemm dawn huma inkompatibbli ma' dawk hawn deciz.

3. Tiddikjara l-ewwel talba attrici bhala sorvolata stante li rrizulta li l-pubblikazzjoni ta' avviz fil-Gazzetta tal-Gvern saret skont kif stipulat fil-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

4. Tilqa' t-tieni talba u tordna korrezzjoni fl-Att ta' Twelid numru 6762 tal-2016, billi fil-kolonna intestata "isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" jithassar l-isem "Yousif Khalid Abdullah" u, minflok, jigi registrat l-isem "Yousif Al Daban".

5. Tilqa' t-tielet talba u tordna illi l-isem "Yousif Al Daban" jibqa' jigi wzat fl-atti civili l-ohra kollha, successivi u sussegwenti fil-poter tad-Direttur intimat.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

Bl-ispejjez fic-cirkostanzi jigu sopportati mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**29 ta' Lulju, 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**29 ta' Lulju, 2021**